# Republic of
# North Macedonia

**INŻURU:** Skopje, Mount Vodno, Prisitna, Prizrem, Ohrid, Mavrovo, Bitola, Stobi, Matka Canyon, Gorno Nerezi

**Grupp A** 23– 30 ta' Mejju
**Grupp B** 11-18 ta' Lulju
**Grupp C** 22-29 t'Awwissu
**Grupp D** 10-17 t' Ottubru

### IS-SIBT
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fis-17.00 għat-titjira W7766 li ttir fis-15.50 u naslu **Skopje** fid-17.30. Wara transfer lejn il-Hotel Best Western 4 star (jew simili), sistemazzjoni tal-kmamar u ħin liberu.

### IL-ĦADD
Wara li nieħdu l-buffet breakfast, ikollna city tour mal-belt ta' Skopje bil-gwida tal-lokal (English Speaking) fejn inżuru l-belt il-ġdida kif ukoll il-belt il-qadima. Naraw bħall-aktar attrazzjonijiet interessanti; **Porta Macedonia, Skopje Fortress, Macedonia Square u Stone Bridge** kif ukoll it-toroq storiċi tal-belt il-qadima. Inżuru il-**Memorial House ta' Mother Theresa u St Holey Salvation Church**. Ikollna ħin liberu għall-ikel (extra). Wara nkomplu l-excursion tagħna lejn il-**Millenium Cross** li jinsab fuq **il-muntanja Vodna** (cable car inkluża). Imorru lejn **Gorno Nerezi** biex inżuru **l-Knisja Biżantina ta' St Pantelejmon u l-villaġġ Macedonjan, issa jmiss li nżuru Matka Canyon** fejn ser ikollna l-opportunita li ngawdu l-ġmiel ta' dan il-Canyon u jkollna boat trip (imħallsha) madwar il-lag. Nirritornaw lura l-hotel għaċ-ċena.

### IT-TNEJN
Excursion mill-iżjed interessanti li se teħodna fil-bliet ta' **Pristina u Prizren** ġewwa **l-Kosovo**. L-ewwel waqfa tagħna ser inżuru l-**Monasteru ta' Gracantica** (entratura mħallsha). Mal-wasla tagħna fil-belt ta' **Pristina** jkollna city tour fejn gwida tal-lokal (English Speaking) turina l-aktar postijiet interessanti bħal; **Carshi Mosque; mibnija fis-seklu 15 mis-Sultan Tork, Bayazil Academy Buildings, Clock Tower** għoli 26 metru. Inżuru **l-Ethnological Museum** (entratura mħallsha).



Wara nkomplu l-excursion tagħna lejn **Prizren,** fejn insibu l-akbar numru ta' bini Ottomen, priservat ġewwa l-Kosovo nagħmlu dawra mal-belt fejn inkunu nistgħu nammiraw **l-ottoman, Old Town,** magħruf għax-xogħol **tal-Filograno fid-deheb u l-fidda, The Hammam, Helveta Tekke Sinia Pasha Mosque u l-Knisja ddedikata lil Our Lady of Ljevis** eċċ. Ikollna ħin liberu, nirritornaw lura Skopje.

### IT-TLIETA
Wara li nieħdu l-buffet breakfast lestejna għalikom excursion mill-iżjed interessanti għar-reġjun tal-inbid, izda qabel nagħmlu l-ewwel waqfa tagħna fis-sit arkeoloġiku ta' **Stobi** jinsab fil-konfluwenza tax-xmajjar **Crna u Vardau**, kienet l-akbar belt fin-naħa ta' fuq tal-**Imperu Ruman u Provinċja tal-Macedonia**. Fost oħrajn insibu santwarji kbar u l-famuż Teatro. Wara nibqgħu sejrin lejn **Popava Kunta Winery** fejn flimkien se jkollna l-okkażżjoni li naraw kif isir il-proċess tal-inbid u jkollna wkoll l-opportunita li nduqu 4 tipi ta'nbejjed differenti u nirilassaw sa ma nigu servuti l-pranzu (imħallas). Nirritornaw lura l-hotel u ħin liberu.

### L-ERBGĦA
Wara buffet breakfast, transfer bil-kowċ lejn **Ohrid.** L-ewwel waqfa tagħna tkun ġewwa **Mavrovo** li hu famuż għall- ġobon. Inżuru **Galicmik** villaġġ matrimonjali traddizzjonali. Inkomplu nivvjaġġaw matul ix-**xmara Radika, inżuru St. Jovan Bigoiki Monastery u Rajcica Monastery**. Inkomplu l-vjaġġ tagħna lejn **Ohrid.** Mal-wasla tagħna fil-**Hotel Millenium** 4 star, issir sistemazzjoni tal-kmamar.

### IL-ĦAMIS
Wara li nieħdu buffet breakfast lestejna għalikom city tour mal-belt ta' **Ohrid**, fejn ser ikollna l-oportunita li naraw postijiet ta' nteress. Mixja li taspirana matul il-lag, ingawdu toroq dojoq tant pittoreski sal-għolha t'**Ohrid** il-ġmiel tal-knejjes Bizantina. Kif ukoll **Somails Fortress**, inkomplu l-excursion tagħna billi jkollna cruise madwar il-**lag t'Ohrid** fost xenarju li jpaxxiek. Wara nofsinnhar inżuru **Bay of Bones u St Naum Monastery.** Nirrotornaw lura l-hotel. Filgħaxija

**8**
**T'IJIEM**

**MINN €**
**830**
**KULL PERSUNA**

**PREZZ KULL PERSUNA**
**ESKURSJONIJIET, HALF BOARD U TAXXI MĦALLSA**

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €880 | €830 |
| Kamra żewġ persuni | €890 | €840 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1090 | €1040 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €700 | €650 |

**PREZZ JINKLUDI**
- Titjira mal Wizzair Malta-Skopje-Malta
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
- 4 t'iljieli Hotel Best Western Hotel 4 star
- 3 t'iljieli Hotel Millenium f'Ohrid
- English Speaking Guides waqt il-programm
- Entraturi skond il-programm
- Continental Buffet Breakfast kuljum
- Ċena (skond il-programm)
- Taxxi tal ajruport, city tax u service charge
- Tour Leader
- Insolvency protection

serata speċjali fejn ser nattendu f'lokal fejn se nigu servuti ikla tradizzjoanli u folk dance show (inkluż).

### IL-ĠIMGĦA
Excursion ta' ġurnata għall-belt ta' **Bitola** gwida tal-lokal (English Speaking) tispjegalna fuq dak kollu li ser naraw. L-ewwel żjara tagħna tkun fl-**Archeological Site Heraclea Lyncestis** fejn nammiraw l-art tal-**Mosaic** tant preservat tajjeb. Dan is-sit tant importanti kien instab fir-raba' seklu qabel Kristu waqt il-mixja tagħna, matul it-triq **Shirok Sokak** nammiraw l-arkitettura **Neoklassika, djar, cafes u restaurants.** Wara nżuru l-**Old Bazaar** minn fejn nimxu lejn il-**Green Market** u naraw postijiet storiċi bħal clock Tower u Yeni Mosque. Wara jkollna ħin liberu għal ikel (extra) u xiri ta' souvenirs. Nirritornaw lura l-hotel.

### IS-SIBT
Transfer bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Skopje għal flight W7765 li ttir fis-13.20 u naslu lura Malta fis-15.05.